MINUTI

# Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/02/2024

Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 7

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 u Artiklu 3A tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 2.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/01/2024 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

2.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti dwar ix-xogħol li twettaq mill-Kunsill Lokali matul is-sena 2024 fejn elenka l-proġetti infrastrutturali, ix-xogħol fil-qasam soċjo-kulturali u dak amministrattiv.

Dwar il-proġetti infrastrutturali li saru matul is-sena 2024, is-Sindku semma fost oħrajn, il-proġett ta' installazzjoni ta' sistema ġdida ta' fanali dekorattivi fi Triq Ir-Rabat, Triq Sant'Indrija, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu kif ukoll fi Triq San Xmun fix-Xlendi. Huwa semma wkoll l-installazzjoni ta' *railing* ġdid fi Triq San Xmun fix-Xlendi, l-installazzjoni ta' arloġġ dekorattiv fuq stil vittorjan u l-installazzjoni ta' diversi sistemi ta' CCTV *cameras* li jilħqu kull entratura tal-lokalita' fil-Munxar u anke fix-Xlendi. Is-Sindku għarraf lill-membri wkoll li permezz ta' ftehim ma' Enemalta PLC sar xogħol ta' tisħiħ fid-distribuzzjoni tal-elettriku ġewwa x-Xlendi.

Dwar il-qasam soċjo-kulturali, is-Sindku semma diversi inizjattivi li ħa l-Kunsill waqt is-sena 2024, uħud b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita', fosthom l-attivita' 'Xlendi Sunset Festival', il-programm tas-Sajf 'I Love Xlendi', it-tielet edizzjoni tal-'Fireworks and Gastronomy Fesitval', il-programm fi żmien il-Milied 'A December to Remeber', Il-Karnival fil-Munxar, it-tberik tal-Annimali u diversi ħarġiet kulturali għall-anzjani u r-residenti tal-lokalita'.

## 2.3 Il-Pjan ta’ Ħidma tal-Kunsill għal din il-leġislatura;

2.3.1 Is-Sindku għarraf uħud mill-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena li ġejja, fosthom proġetti oħrajn infrastrutturali bħal ir-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, dwal dekorattiv ġodda fil-parti ta’ fuq tax-Xlendi, kontinwazzjoni ta’ *railing* ġdid fi Triq San Xmun, bust tal-Professur Ġuże’ Aquilina fil-Munxar u wiċċ ġdid fit-toroq fejn sar it-tqattigħ għat-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-elettriku fosthom fi Triq San Xmun u Triq il-Kantra.

2.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għall-attenzjoni ta’ dawk preżenti d-dokument bil-pjan ta’ ħames snin u l-estimi finanzjarji għal kull sena.

## 2.4 Estimi Finanzjarji 2025;

2.4.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti li l-pjan li għandu l-Kunsill għas-sena 2025 jiġi rifless f’estimi finanzjarji li eventwalment jiġu approvati mill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss tiegħu.

## 2.5 Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;

2.5.1 Ir-residenti preżenti, filwaqt li faħħru lill-Kunsill tax-xogħol li qed jagħmel, ressqu xi suġġerimenti tagħhom rigward il-Bajja tax-Xlendi fosthom sabiex ikun hemm aktar xogħol ta’ tindif, infurzar u tisbieħ, kif ukoll aġġornament fl-iskeda u r-rotot tat-trasport pubbliku fix-Xlendi.

## 2.6 Tmiem il-laqgħa.

2.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |